— tikkundanna lil kull min jikkontesta dan l-appell għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu (8)(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Lulju 2016 – Omnicom International Holdings vs EUIPO – eBay (dA/tA/bA/y)

**(Kawża T-393/16)**

(2016/C 364/12)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Omnicom International Holdings, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. Farnsworth, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* eBay, Inc. (San Jose, California, l-Istati Uniti)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* Ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “(dA/tA/bA/y)” – Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12 354 015

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta’ Mejju 2016 fil-Każ R 872/2015-1

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tagħha u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Lulju 2016 – Omnicom International Holdings vs EUIPO – eBay (DATABAY)

**(Kawża T-394/16)**

(2016/C 364/13)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Omnicom International Holdings, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti)(rappreżentant: D. Farnsworth, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* eBay, Inc. (San Jose, California, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "DATABAT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 353 975

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 925/2015-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv(i) invokat(i)**

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2016 – Dogg Label vs EUIPO – Chemoul (JAPRAG)**

**(Kawża T-406/16)**

(2016/C 364/14)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Dogg Label (Marseille, Franza)(rappreżentant: M. Angelier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Patrick Chemoul (Paris, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "JAPRAG" – Trade mark tal-Unjoni Nru 8 820 301

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 2336/2015-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;